## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 233/2021 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NRU 1756/2021:
**AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LTD. (C46054) F'ISIMHA PROPRJA U GHAN-NOM TAL-KORPORAZZJONI GHAS-SERVIZZI TAL-ILMA V. CARMELA FRENDO (KI. 293758M)**
(KOPJA INFORMALI)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**9 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Carmela Frendo (imsejjħa "r-rikorrenti") ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2021[1] li jaqra kif ġej:

Illi l-esponenti irciviet ittra ufficjali minn ghand l-Automated Revenue Management Services Ltd datata 27 ta' Lulju 2021 u li ggib in-numru 1756/2021;

Illi permezz ta' din l-ittra ufficjali hija giet intimata biex thallas l-ammont ta' disa' mija u hamsa u ghoxrin ewro u seba' u hamsin centezmu (EUR 925.57)

Illi din l-ittra ufficjali giet mibghuta mill-Automated Revenue Management Services Ltd ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta

---

[1] Fol 1-4

Illi l-ammont pretiz mhux dovut u dan stante illi hija ma ghandi taghti xejn lill-Automated Revenue Management Services Ltd

Ghaldaqstant l-esponenti qieghda tinterponi dan ir-rikors ai termini tal-Artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-ammont mitlub mill-Automate Revenue Management Services Ltd mhux dovut u biex il-Qorti tiddikjara l-pretensjoni tal-ARMS bhala wahda infondata.

wara li rat ir-risposta ta' Automated Revenue Management Services Limited f'isimha u f'isem il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (imsejjħa "il-kumpanija intimata", "l-intimata" jew "ARMS Limited") ippreżentata fis-7 ta' Ottubru 2021[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

1. Illi, is-Socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, hija kreditrici tar-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' disa' mija u hamsa u ghoxrin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€925.57) rapprezentanti konsum ta' ilma u kera ta' meter tal-ilma, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull hlas iehor, flimkien ma imghaxx dovut skont il-ligi, relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-ittra ufficjali bin-numru 1756/2021, u ghalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrent lis-Socjeta Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi, l-kont in kwistjoni huwa intestat f'isem ir-rikorrenti u ghalhekk hija responsabbli ghal hlas tal-pendenzi akkont

3. Illi, addirittura, r-rikorrenti kienet sahansitra ffirmat ftehim ghall-hlas mensili fuq il-bilanc pendenti akkont.

4. Illi, l-eccezzjonijiet fil-mertu mressqin mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi, ghalhekk, l-ammont reklamat fl-ittra ufficjali bin-numru 1756/2021 huwa dovut mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb bil-permess ta' din il-Qorti, s-Socjeta' esponenti pro et noe titlob li din l-istess Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali bin-numru 17562021 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija reza ezekuttiva kontra r-rikorrent.

---

[2] Fol 8-9

wara li semgħet ix-xhieda prodotti u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Din il-proċedura skattat entro t-terminu prefiss mill-liġi wara li ARMS Limited (f'isimha u f'isem ukoll il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma) ipproċediet taħt l-Art. 446 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tiġbor l-ammont allegatament dovut lilha mir-rikorrenti għall-provdiment ta' ilma u għall-kiri tal-meter relatat:

> **'466. (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:**
>
> **Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.**
>
> **(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.'**

2. Għal xi raġuni jew oħra, la l-ittra uffiċjali in kwistjoni u lanqas id-dikjarazzjoni ġuramentata annessa magħha ma ġew ippreżentati mir-rikorrenti f'din il-proċedura.

Kull ma jingħad – fir-rikors promotur u fl-affidavit tar-rikorrenti[3] stess – huwa illi din l-ittra uffiċjali ġiet ippreżentata fis-27 ta' Lulju 2021 sabiex jiġi rkuprat l-ammont ta' € 925.57, iġġorr in-numru uffiċjali 1756/2021 u ġiet notifikata lill-istess rikorrenti. Fir-risposta tagħha imbagħad l-ARMS iddikjarat illi dan l-ammont jirrappreżenta konsum ta' ilma u kera ta' meter tal-ilma, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/ jew kull ħlas ieħor, flimkien ma imgħax dovut skond il-liġi, relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-ittra uffiċjali in kwistjoni.

3. Fiż-żmien prefiss lilha r-rikorrenti intavolat ir-rikors odjern sabiex topponi t-talba tal-intimata billi skond hi l-ebda ammont ma hu dovut minnha lil ARMS. Fl-affidavit maħluf tagħha r-rikorrenti **Carmela Frendo** tispjega illi il-kont huwa abbinat mal-fond numru 41, Triq Santa Rita, Sliema, liema fond ma jappartjenix lilha u hija kienet tgħix fih biss għal żmien qasir bil-kera. Inoltre tgħid illi għal dak il-perjodu li għamlet tgħix fih hija dejjem ħallset il-kontijiet relattivi. Tgħid ukoll illi ilha aktar minn tnax-il sena illi telqet mill-fond in kwistjoni u dan peress illi kienet ingħatat appartament tal-Gvern f'Taċ-Ċawla fir-Rabat.

4. Ir-rappreżentat tal-intimata, **Reuben Bonnici**, xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022[4] u esebixxa diversi dokumenti. Huwa ppreżenta kopja ta' kont datat 27 ta' April 2022 relatat ma' *meter* tal-ilma intestat fuq ir-rikorrenti (account no. 101000031132) fuq il-fond 41, Triq Santa Rita, Sliema (Dok RB1[5]). L-istess kont ġie mibgħut fl-indirizz postali tar-rikorrenti ossia' Flt 6, Blk L, Taċ-Ċawla, Rabat (Għawdex). Ġew esebiti ukoll kopja ta' prospett relatat mal-istess kont (Dok RB2[6]) u estratt mill-istess prospett li juri l-pagamenti li saru fuq il-kont (Dok RB3[7]). Minn dan l-aħħar dokument jidher illi filfatt saru ħlasijiet fuq dan il-kont f'erba okkażjonijiet differenti ossia' fl-1 ta' Ottubru 2010 (€ 23.44), fil-21 ta' Mejju 2018 (€ 100), fit-28 ta' Ġunju 2018 (€ 57) u fil-25 ta' Lulju 2018 (€ 70), Finalment ix-xhud esebixxa kopja ta' ftehim li r-rikorrenti kienet iffirmat mal-ARMS fil-21 ta' Mejju 2018 biex tħallas il-kont mensilment (Dok RB4[8]). Dan il-ftehim juri li fid-data msemmija r-rikorrenti daħlet fi ftehim sabiex tħallas bin-nifs il-bilanċ li kien

---

[3] Fol 41
[4] Fol 27A
[5] Fol 28-29
[6] Fol 30-33
[7] Fol 34
[8] Fol 35-37

pendenti sa' dakinhar u ċioe l-ammont ta' € 949.73 fi tnax-il pagament. L-ewwel pagament kien dovut fil-21 ta' Mejju 2018 għall-ammont ta' € 100. Dan l-ammont filfatt ġie imħallas. Il-bqija tal-ammont kellu jkun dovut fi ħdax-il pagamenti mensili ta' € 77.24 il-wieħed (bl-aħħar pagament ikun dak ta' € 77.33). Minn dawn l-ammonti, il-prospett esebit juri li filfatt tħallset biss is-somma ta' € 127. Il-ftehim kien suġġett għal numru ta' kundizzjonijiet fosthom dik illi l-kuntratt jiġi tterminat awtomatikament jekk il-ħlasijiet ma jiġux effettwati.

**Kunsiderazzjonijiet**

5. Fix-xhieda tagħha r-rikorrenti tgħid li l-ammont mitlub m'huwiex dovut minnha peress illi ilha ma tirrisjedi fil-fond għal tnax-il sena. Ċio nonostante hija ma tagħti l-ebda spjegazzjoni għala minkejja dak allegat minnha hija xorta waħda kienet iffirmat ftehim mal-ARMS għall-ħlas tal-ammonti li kienu dovuti sa' dakinhar. Il-ftehim in kwistjoni jekk xejn kien jekwivali għal rikonoxximent mir-rikorrenti illi l-bilanċ dovut sa dakinhar tal-ftehim, ossia sal-21 ta' Mejju 2018, kienet responsabbli għalih hija stess. Dan il-fatt waħdu jġib fix-xejn l-asserzjoni tar-rikorrenti illi hija m'għandha tagħti xejn għaliex ilha ma tirrisjedi fil-fond mill-2010.

6. Inoltre għal dak li għandu x'jaqsam il-provvista tal-ilma (inkluż il-kirja tal-*meter*) il-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03 (Ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma) tipprovdi *inter alia* s-segwenti:

> **'36.(1) Konsumatur ma jkunx meħlus mir-responsabbiltà għall-ħlas tas-servizz u tar-rati tal-konsum tal-ilma mistħoqqa kemm-il darba u sakemm huwa ma jgħarrafx bil-miktub lill-Korporazzjoni bil-ħsieb tiegħu li ma jibqax jinqeda bis-servizz tal-ilma minn dak il-jum 'il quddiem li huwa jsemmi u sakemm ma jkunx ħallas il-flus kollha li jkollu jagħti skond dawn ir-regolamenti.'**

7. Ma tressqet l-ebda prova illi l-ARMS qatt irċeviet il-formola appożita jew inkella xi avviż bil-miktub għat-trasferiment tal-kont lil xi terzi, xi ħaġa li effettivament setgħet issir biss malli l-bilanċ ikun ġie saldat kollu.

8. Il-Qorti tqis illi bl-applikazzjoni tal-artikolu fuq imsemmi, minkejja l-argument tagħha illi hija ma kienetx baqgħet tgħix fil-fond in kwistjoni, ir-rikorrenti qatt ma' ħelset mill-obbligi tagħha tal-ħlas tal-*meter* u tal-konsum stante illi la qatt tat avviż bil-miktub bl-intenzjoni tagħha li ma' tibqax tuża l-provvista minn ċertu data u lanqas qatt ma' ħallset il-bilanċ dovuti minnha.

9. Jekk ir-rikorrenti ma ridietx li l-kera tal-istess *meter* ma' tibqax takkumula u tiġi ddebitata lilha hija kellha tieħu ħsieb li b'mod formali twettaq il-proċeduri kollha rikjesti sabiex dan il-*meter* jiġi rimoss mill-fond qabel ma ħarġet minnu jew inkella jiġi ttrasferit fuq terz, **f'kull każ wara li tħallas l-bilanċ dovut**.

**Deċiżjoni**

10. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha biex b'hekk is-somma ta' € 925.57 indikata bħala dovuta mir-rikorrenti lill-kumpanija intimata pro et noe skond id-dikjarazzjoni ġuramentata annessa mal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Lulju 2021 fl-ismijiet premessi għandha minn issa jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti. L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur